MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-2 ta' Frar, 2005

Avviz Numru. 468/2002

**Avviz numru 468/02DM**

**David Coleiro**
**Vs**
**Charles u Simone konjugi Bonello**

**Il-Qorti,**
Rat l-att ta citazzjoni permezz ta' liema l-attur, wara li ppremetta:
Illi ai termini ta' l-artikolu 811 (b) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili qieghed jitlob ir-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet 'Charles u Simone konjugi Bonello vs David Coleiro' (Avviz Nru. 693/01 JAB) li taghha nghatat sentenza fit-22 ta' April, 2002, kontra l-istess attur odjern;
U illi l-konvenuti odjerni pprezentaw avviz quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fejn talbu lil dik il-Qorti tikkundanna lill-attur odjern ihallashom elfejn lira Maltin (Lm2,000);
U illi l-konvenuti odjerni ottenu sentenza datata 22 ta' April, 2002, fl-ismijiet "Charles u Simone konjugi Bonello vs David Coleiro' (Avviz Nru. 693/01 JAB) b'liema

sentenza l-konvenuti odjerni gew kanonizzati kredituri kontra l-attur odjern ghas-somma ta' elfejn lira Maltin (Lm2,000) bl-imghax legali mill-25 ta' Lulju, 2001, u bl-ispejjes;

U illi dina s-sentenza nghatat wara li l-konvenuti odjerni ddikjaraw li l-attur odjern kien gie notifikat bl-avviz ipprezentat minnhom stess u bl-avviz tas-smiegh tal-kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta);

U illi l-attur odjern qatt ma gie notifikat ai termini tal-ligi u ghalhekk il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ma setghet qatt tiddikjara lill-attur odjern debitur tal-konvenuti odjerni tas-somma pretiza mill-istess konvenuti odjerni;

U illi ghalhekk dina s-sentenza datata 22 ta' April, 2002, fl-ismijiet 'Charles u Simone konjugi Bonello vs David Coleiro' (Avviz Nru. 693/01 JAB) ma tistax titqies bhala wahda legittima ai termini u effetti tal-ligi u ghalhekk il-konvenuti odjerni ma jistghux jitolbu l-hlas pretiz minnhom;

Talab li din il- Qorti:-

1. Tiddikjara, illi stante l-attur odjern ai termini tal-Artikolu 811 (b) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili qieghed jitlob ir-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet 'Charles u Simone konjugi Bonello vs David Coleiro' (Avviz Nru. 693/01 JAB) peress li huwa qatt ma gie notifikat ai termini tal-ligi bl-avviz ipprezentat mill-konvenuti odjerni stess u bl-avviz tas-smiegh tal-kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), li dawk il-proceduri fl-ismijiet indikati ma humiex konformi ai termini tal-ligi;

2. Tiddikjara li l-attur odjern ghalhekk ma jistghax jigi dikjarat debitur tal-konvenuti odjerni ai termini tas-sentenza datata 22 ta' April, 2002, fl-ismijiet 'Charles u Simone konjugi Bonello vs David Coleiro' (Avviz Nru. 693/01 JAB); u ghalhekk

3. Tordna illi, is-smiegh mill-gdid tal-kawza fl-ismijiet 'Charles u Simone konjugi Bonello vs David Coleiro' (Avviz Nru. 693/01 JAB) ghall-mottivi hawn fuq indikati li principalment huma li l-attur odjern qatt ma gie notifikat bil-proceduri tal-kawza indikata;

Bl-ispejjes u bil-konvenuti odjerni li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur odjern David Coleiro debitament guramentata skond il-ligi;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti permezz ta' liema huma eccepew illi:

1 L-azzjoni odjerna hija fuori termine stante illio ma saritx entro tlett(3) xhur minn meta l-attur f'din il-kawza sar jaf bil-proceduri li qed jitlob ir-ritrattazzjoni taghhom;
2 Bla pregudizzju u fil-mertu t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante illi n-notifika tal-kawza saret validament u skond il-ligi;
3 Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ukoll id-dikjarazzjoni ta' l-istess konvenuti debitament ikkonfermata bil-gurament;

Semghet lill-attur bil-gurament;

Rat l-atti tal-kawza bl-ismijiet 'Charles Bonello et vs David Coleiro' (Avviz Nru. 693/01 JAB) deciza fit-22 ta' April, 2002, liema process gie allegat ma' l-atti ta' din il-kawza b'digriet tad-19 ta' Frar, 2004;

Semghet lill-attur bil-gurament;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

L-attur qed jabbaza t-talba ghar-ritrattazzjoni tieghu fuq dak li jipprovdi l-Artikolu 811 (b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi illi jekk ic-citazzjoni ma tkunx giet innotifikata lill-parti telliefa, basta li din il-parti ghad li ma tkunx giet innotifikata u ma tkunx deheret fis-smiegh tal-kawza, il-kawza ghandha tigi ritrattata wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza.

Billi minn ezami tar-riferta relattiva ghan-notifika tal-Avviz 693/01 fejn il-konjugi Bonello kienu talbu l-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' elfejn lira Maltin (Lm2000) skond skrittura privata esebita, jirrizulta illi l-konvenut kien gie notifikat billi kienet thalliet kopja ta' l-avviz fl-indirizz 'West Gate' F.M. Ferretti street, Birzebbugia, u kienet martu

Doreen Coleiro li kienet effettivament ircevit f'idejha l-kopja ta' l-istess avviz.

Dan ukoll wara illi l-avviz mibghut bil-posta ma kienx gie rtirat mill-konvenut u wara tentattiv ulterjuri fejn il-purtier ma kien sab il-hadd fl-indirizz indikat fl-istess avviz fil-fond 'West Gate' F.M. Ferretti street, Birzebbugia.

Ghaldaqstant jispetta lill-konvenut biex tista' tirnexxi t-talba tieghu ta' ritrattazzjoni a bazi ta' nuqqas ta' notifika illi jipprova illi fiz-zmien illi saret in-notifika ta' l-avviz imsemmi huwa ma kienx ghadu jabita' fil-fond in kwistjoni u li kien ukoll abbanduna kull konnessjoni ma' dan il-fond skond ic-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Biex jipprova din l-allegazzjoni l-konvenut offra biss id-deposizzjoni tieghu fid-19 ta' Frar, 2004.

Minghajr ma jindika xi zmien specifiku l-konvenut iddikjara illi fid-data ta' meta saret in-notifika ndikata fir-riferta huwa kien ghaddej minn separazzjoni minn ma' martu u li ghalkemm fid-data li fiha ta' d-deposizzjoni tieghu kien ghadu jghix id-dar konjugali flimkien ma' martu, huwa allega illi ghandu r-residenza tieghu go xi 'flat' iehor.

Din l-allegazzjoni wahidha pero' ma tistax tammonta ghall-prova sodisfacenti li tista' twassal lil din il-Qorti illi l-attur, konvenutidakinhar seta' kien stabbilixxa xi residenza tieghu f'xi abitazzjoni alternattiva u li kien qata' il-konnessjonijiet tieghu mar-residenza konjugali fil-fond ta' Birzebbugia.

Infatti l-istess attur David Coleiro ma jaghti ebda dettalji la ta' meta effettivament gie ffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni minn ma' martu u lanqas ta' fejn huwa seta' kien qieghed jabita' fiz-zmien illi l-avviz kien gie notifikat f'idejn martu.

Anzi jirrizulta illi mic-citazzjoni odjerna l-attur stess indika bhala r-residenza ordinarja tieghu u l-indirizz fejn ghandu jircievi n-notifiki l-fond 'West Gate' F.M. Ferretti street, Birzebbugia, fejn effettivament kien gie ukoll notifikat bid-

data ta' l-appuntament ta' l-ewwel (1) smiegh tac-citazzjoni odjerna, liema appuntament kien gie notifikat lilu fl-4 ta' Settembru, 2002, inqas minn sitt xhur wara n-notifika ta' l-avviz li thalla f'idejn martu fit-12 ta' Marzu, 2002.

Ghaldaqstant issib illi mill-provi prodotti ma tirrizultax l-allegazzjoni ta' David Coleiro illi huwa ma kienx residenti fil-fond fejn kien gie kkonnsenjat l-avviz mahrug mill-konvenuti Bonello u mholli f'idejn martu u konsegwentement qieghda tichad it-talba attrici.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------